MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-25 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 111/2002/1

**Denis u Brenda konjugi Farrugia**

**vs**

**Joseph Dimech f'ismu proprju u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` J's Dimech Co. Ltd**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta' Marzu, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-8 ta' Frar tas-sena 2002 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut proprio et nomine quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

Prevja dikjarazzjoni illi l-materjal fornut minnhom fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet ta’ installazzjoni ta’ aperturi u bibien ta’ aluminium ta’ kulur abjad fil-fond Villa Mizpah 4, Triq Giacomo Bosio, Birguma, Naxxar, proprjeta’ ta’ l-atturi, ma kienx tal-kwalita’ pattwita, u prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna:

1. Tikkundannahom, jew lil min minnhom, sabiex, fiz-zmien qasir u perentorju li jigi prefiss mill-qorti u okkorrendo taht id-direzzjoni u supervizjoni ta’ esperti nominandi, jirrimpjazzaw l-istess aperturi u bibien fl-imsemmi fond b’materjal adegwat u accettabbli, ghas-spejjez taghhom u taht dawk il-kundizzjonijiet illi dina l-qorti jidhirilha xierqa;

2. Minn issa tawtorizza lill-atturi sabiex, fil-kaz illi l-konvenuti jibqghu inadempjenti fl-ezekuzzjoni tal-ordni moghti lilhom minn dina l-qorti, jezegwixxu ossia jordnaw l-ezekuzzjoni tal-istess xogholijiet ta’ rimpjazzar u dana a spejjez tal-konvenuti u taht id-direzzjoni u supervizjoni tal-istess esperti nominandi u taht dawk il-kundizzjonijiet illi dina l-qorti jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi;

3. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tat-18 ta’ Awissu tas-sena 2000, tad-19 ta’ Frar tas-sena 2001 u tat-22 ta’ Novembru tas-sena 2001; u tal-ittra ufficjali tat-28 ta’ Dicembru tas-sena 2000; kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

4. Ghal fini ta’ kompetenza l-valur ma jeccedix elf u sitt mitt lira Maltin (LM1600);

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-25 ta’ Frar tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenut proprio et nomine eccepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament Joseph Dimech personalment gie mharrek inutilment u t-tahrika fil-konfront tieghu personali hija vessatorja u rritwali u dana ghaliex l-atturi jafu li huma qatt ma kellhom relazzjoni mieghu izda dejjem mas-socjeta’ minnu gestita J’s Dimech Aluminium Company Limited;

2. Illi inoltre u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u dana ghas-segwenti ragunijiet:

a. Meta l-atturi ordnaw ix-xoghol minghand is-socjeta’ attrici u ghazlu tip ta’ aluminium maghruf bhala “baked aluminium” l-istess socjeta’ permezz ta’ Joseph Dimech kienet infurmathom li dak it-tip ta’ aluminium mhux garantit li ma jistghux johorgu difetti. Tant li l-atturi wkoll kienu ffirmaw dikjarazzjoni ghaldaqshekk liema dikjarazzjoni s-socjeta’ konvenuta taghtiha lil kull min jordna xoghol minghandha;

Illi l-atturi kienu kuntenti bix-xoghol li ghamlet is-socjeta’ konvenuta tant li kienu baghtulha ittra f’dan is-sens liema ittra tigi esebita eventwalment;

b. Illi meta l-atturi kienu infurmaw lis-socjeta’ konvenuta bid-difetti l-istess socjeta’ offritilhom li taghmel ix-xoghol b’xejn filwaqt li l-agent li minghandu jixtri l-aluminium kien ser iforni l-materjal b’xejn;

c. Illi l-materjal li kienu ghazlu l-atturi inzerta li dan l-agent biss igibu Malta u li x-xoghol ma sarx ghax l-agent kien ghadu ma gabx dan il-materjal f’Malta;

d. Illi s-socjeta’ konvenuta dejjem zammet kuntatt mal-atturi u tghidilhom li qed tistenna minghand l-agent u sahansitra taghthom l-isem tal-agent sabiex jiccekkjaw ghall-affari taghhom izda huma dejjem sostnew li jafu lis-socjeta’ konvenuta izda mhux lill-agent;

3. Ghaldaqstant it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-atturi effettwaw ordni ghal “baked aluminium” mis-socjeta’ J’s Dimech Company Limited;

2. Illi tul it-trattattivi l-konvenut Joseph Dimech isostni li kien tahom parir biex ma jordnawx dan it-tip ta’ aluminium stante li ma kienx hemm garanzija fuqu;

3. Illi jsostni wkoll li hu fehemhom li seta’ jaghti l-kaz li f’dan it-tip ta’ aluminium kien johrog xi difetti;

4. Illi inoltre l-konvenut isostni wkoll li l-ebda fornitur ta’ dan it-tip ta’ aluminium ma kienx jaghti garanzija stante li ma kienx ikun “adonized”;

5. Illi pero’ l-atturi baqghu jinsistu li jinghataw dan it-tip ta’ aluminium u nonostante li l-konvenut rega’ fehemhom bir-riskju xorta insistew li jordnaw minn dan it-tip;

6. Illi di fatti meta l-attur Denis Farrugia ikkonkluda l-kuntratt ftit ‘l fuq mill-firma tieghu jidher timbru bil-kliem “No Guarantee on Baked Aluminium”;

7. Illi in effetti wara li x-xoghol ta’ l-aluminium gie installat skond il-bzonnijiet ta’ l-atturi d-difetti li l-konvenut kien gibed l-attenzjoni ghalihom ma damux ma tfaccaw;

8. Illi ghalkemm jirrizulta li kien hemm rieda tajba bejn il-partijiet ma setghetx tinstab soluzjoni sodisfacenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi l-atturi jirrizulta li kkonkludew il-kuntratt taghhom mas-socjeta’ J’s Dimech Aluminium Company Limited, (ara fol 26, 27 u 59);

Illi in oltre jirrizulta li l-atturi kienu sodisfatti bix-xoghol lilhom moghti mis-socjeta’ konvenuta kif jidher ukoll espress a fol 28;

Illi inoltre l-impossibilita’ li jigi sostitwit il-materjal malandat stante li minkejja l-isforzi kollha biex jigi importat aluminium simili dawn baqghu infruttiferi stante li milli jidher l-ebda importatur lokali ma jrid ikollu x’jaqsam aktar mieghu – sakemm ma jigix awtorizzat ibiegh minghajr garanzija ghall-materjal;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li l-atturi m’hux biss kienu imwissija f’diversi okkazzjonijiet bil-possibilita’ li l-aluminium minnhom mixtri ma jkunx durevoli izda jirrizulta wkoll li l-istess attur appenda l-firma tieghu fuq dokument fejn kien espressament annotat li dan it-tip ta’ aluminium ma kienx kopert b’garanzija;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut proprio et nomine tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez.”

L-atturi appellaw minn din id-decizjoni bl-aggravju illi l-ewwel Qorti naqset li taghmel apprezzament kif misthoqq tax-xhieda biex minnhom tigi accertata l-kredibilita` tal-verzjonijiet. Huma jissottomettu inoltre illi d-deduzzjoni tal-istess Qorti illi l-atturi ma messhomx accettaw materjal li kienu jafu li kien, jew seta’ kien, difettuz hi skorretta. Dippju, l-ewwel Qorti ma approfondietx il-portata tal-klawsola ta’ ezoneru ittimbrata fuq id-dokument ta’ ftehim.

Sostanzjalment il-kaz in diskussjoni jitratta minn kuntratt ta’ xoghlijiet ta’ twieqi u bibien tal-aluminium ezegwiti mis-socjeta` konvenuta fil-fond tal-atturi. Dan skond dokument ta’ ftehim datat 15 ta’ Marzu 1997 esebit a fol 26 tal-process. L-ilment principali tal-atturi appellanti ma kienx jirrigwarda l-fatt tal-ezekuzzjoni li, anzi, kif mistqarr

mill-istess appellanti kien sodisfacenti (Ara dokument JD3 a fol 28), imma l-bonta tal-materjal adoperat.

Tajjeb li jinghad li f'kaz bhal dan skond gurisprudenza affermata meta appaltatur jintraprendi opra li fiha jaghti mhux biss ix-xoghol jew is-sengha tieghu, imma jfornixxi anki l-materjal, dan l-appell huwa affini mal-bejgh. Ara "**Carmelo Borg –vs- Joseph Mifsud**", App. Kumm, 7 ta' Ottubru 1980.

In effetti kif impostata l-azzjoni, in kwantu ghall-premessa tal-atturi illi l-materjal fornut ma kienx tal-kwalita` pattwita, indiskutibilment dan jaghmel l-azzjoni inerenti ghall-istitut tal-bejgh.

Issa m'ghandux ikun dubitat illi in linea generali ta' dritt xerrej ghandu jistenna b'affidament illi l-prodott mixtri jew maghzul minnu jikkorrispondi f'kull rispett ghal dawk il-karatteristici idonei li jikkontribwixxu biex hekk jikkwalifikawh. Konsegwentement, anke jekk ma jissemmewx esplicitament fil-kuntratt ta' ftehim, hi kanoni legali ta' l-ermenewtika kontrattwali li tikkonsidra dawn l-istess karatteristici bhala kwalita` essenzjali tal-prodott.

Jekk, imbaghad, din il-kwalita` essenzjali tkun giet lilu mweghda fil-mument tal-kontrattazzjoni hu mistenni li din l-istess kwalita` tkun tirrizulta b'mod effettiv fil-mument tal-kunsinna. F'kaz li l-prodott ikun jiddifetta ghal dik li hi kwalita` l-ligi tittutela l-interessi tax-xerrej billi takkordalu l-azzjoni dixxiplinata fl-artikolu 1390 tal-Kodici Civili. Din hi l-azzjoni ghar-rizoluzzjoni tal-bejgh minhabba inadempjenza bazata fuq il-principju generali "inademplenti non est ademplendum" u fuq il-patt kommissorju tacitu tipiku ghall-kuntratti bilaterali kollha (Art 1068 Kodici Civili). Jaghmel sens ghalhekk il-kollokament taghha taht it-titolu "Fuq il-kunsinna" in kwantu din mhiex l-istess bhall-azzjoni in garanzija li l-venditur hu obbligat li jaghti skond l-Art 1378 u ghal liema hemm referenza fl-Art. 1408 tal-Kap 16. Ciononostante jista' jinghad li l-kwalita` mweghda hi garanzija f'sens tekniku u ghalkemm tiddifferenzja ruhha mill-garanzija legali ghall-vizzji li ma jidhrux hemm bejniethom certa

unita` ta' dixxiplina in kwantu fit-tnejn hi ammessa l-azzjoni ghar-riduzzjoni tal-prezz.

Dan premess, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza "**Diacono –vs- Galea**" (**Vol XVIII pIII p59**) fil-kaz ta' l-Artikolu 1390 "si suppone in primo luogo che il venditore abbia esplicitamente premesso una qualita` e che il compratore abbia avuto specialmente in mira questa qualita`". Fl-istess sens hi s-sentenza "**Emanuele Aquilina –vs- Negte. Giuseppe Mamo**", App. Kumm. 3 ta' Ottubru 1927 (**Vol XXVI pI (ii) p 189**).

Fil-kaz prezenti l-fatti li ser jigu hawn replikati ser juru illi s-socjeta` konvenuta - u mhux ukoll il-konvenut personalment li strettament, kif rilevat mill-istess xhieda tal-attur Dennis Farrugia (fol 22) ma jiccentra bl-ebda mod fil-kontrattazzjoni - ma pprometta l-ebda kwalita` fuq it-tip ta' aluminium maghzul mill-appellanti.

Ma hemmx dubju illi biex wiehed jitkellem fuq difett ta' kwalita` f'sens guridiku din l-istess kwalita` trid tkun kuntrattwalment esplicita. Kif sewwa gie osservat mill-ewwel Qorti kienu l-atturi li ordnaw it-tip ta' aluminium u dan allavolja kienu jafu li dwaru kienet eskluza l-garanzija. Dan kif manifestament jirrizulta mill-kuntratt (fol 26) sottofirmat mill-attur. Mhux hekk biss pero` in kwantu, kif jirrizulta wkoll, is-sentenza appellata taghti affidament lill-versjoni tar-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta illi hu kien fethilhom ghajnejhom dwar ir-riskju f'dan it-tip ta' prodott li ma jkunx 'adonized', ossija 'electroplated'.

Issa hu minnu li l-appellant Dennis Farrugia, meta mistoqsi dwar diskors appena accennat, relatat mal-fattur riskju, jichad illi dan intqal lilu. Hu anzi jinsisti illi kien jinteressah biss li jakkwista aluminium ta' lewn abjad, li ma ordnax baked aluminium, u li l-konvenut Joseph Dimech ghan-nom tas-socjeta` ma qallux li ma hemmx garanzija fuq dan it-tip ta' prodott.

Huwa ovvju mill-premess illi, in vista tal-konflittwalita` tal-versjonijiet, l-Qorti jkollha tara u tezamina l-verosimili intenzjoni tal-partijiet meta kkonkludew il-ftehim.

Kif taraha din il-Qorti, mill-analisi taghha tal-provi, il-maggor parti tal-fornituri tal-materjal adoperat ma jipprovdu l-ebda garanzija dwar “baked, varnished jew sprayed aluminium”. Dan kif evidenzjat mid-dokumenti esebiti mis-socjeta` konvenuta minn fol 44 sa fol 51 kif ukoll f’dawk prodotti mill-atturi (fol 35 sa fol 39). Lanqas ma hu probabbli li s-socjeta` appellata kienet ser tezalta l-pregi ta’ dan it-tip tal-aluminium li bhalu lanqas biss kellha in stock u kien jenhtiegilha tordnah minn sorsi ohra. Dan hu accettat mill-atturi kemm ghal dik li kienet l-‘availability’ ta’ dan it-tip ta’ aluminium li kellha s-socjeta` konvenuta, ghallanqas f’dak il-mument, kemm dwar il-kwestjoni incidentali tal-bonta u l-adegwatezza tieghu in kwantu mkien ma jaccennaw ghal xi ftahir partikolari dwaru mir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta.

Minn dan rifless, kif ukoll minn cirkostanzi ohra ta’ dan il-kaz partikolari, ma jirrizultax fil-fehma ta’ din il-Qorti illi bejn il-kontraenti kienet appattwita xi kwalita` partikolari tal-prodott maghzul u mixtri. Pjuttost l-invers hu l-kaz billi, in vista tal-assenza tal-garanzija, ma jirrizultax mill-provi b’mod konvincenti illi s-socjeta` appellata venditrici assumiet b’impenn kwalita` mweghda u bla riservi ta’ xi attribut partikolari tal-aluminium vendut. F’dan il-kuntest ghalhekk l-oggett provvdut ma kienx difformi minn dak kontemplat fil-ftehim.

Jista’ forsi jigi obbjettat illi s-socjeta` konvenuta kellha responsabilita` pre-kontrattwali jekk tirrikonoxxi l-izball li ghamlu l-atturi meta ghazlu l-prodott fuq il-presuppost zbaljat li dan kien iservi l-iskop intiz minnhom. Tali obbjezzjoni pero` ma tistax titqies valida fil-fattispeci jekk, kif manifest, jigi accettat, kif qed jigi accettat, illi r-rapprezentant tas-socejta` appellata attiralhom l-attenzjoni ghar-riskju li kienu ser jinkorru bl-ghazla li ghamlu. Ghazla li huma kienu kostretti jaghmlu ghaliex il-kundizzjoni tal-permess rabtithom dwar il-lewn tal-aluminium. Dan il-kostringiment pero` ma jistax, u anzi mhux sew li jigi rinfaccjat lis-socjeta` konvenuta b’xi presupposta inadempjenza.

L-aggravju tal-atturi ma jistax allura fic-cirkostanzi jircievi favur.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi l-aggravju interpost u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu a karigu tal-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------